MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 40/2000/1

Avviz nru. 40/2000

Emanuel Cauchi

vs

Joann Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur li talab l-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas dik is-somma likwidata rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsegwenza ta’ incident stradali li gara fis-17 ta’ Settembru 1999 fi Triq Marziena, Munxar, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABE 934 misjuqa mill-konvenuta u vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAW 706 appartenenti lill-attur u dan prevja d-dikjarazzjoni li l-istess incident gara unikament

minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta tat-3 ta' Novembru 1999 u tal-ittri ufficjali ppresentati wahda f'Dicembru 1999 u l-ohra kontestwalment ma' dan l-avviz lil kumpanija assikuratrici.

Il-konvenuta mharka ghas-subizzjoni li ghalha minn issa qed tigi ngunta.

Gie dikjarat ghall-fini ta' kompetenza illi l-valur mertu ta' din il-kawza ma jeccedix is-somma ta' Lm550.

Rat li l-konvenuta validament notifikata naqset li topponi t-talba u li tul l-andament kollu tal-kawza ma derhitx.

Semghet il-provi prodotti mill-attur;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tieghu.

Ikkunsidrat:

Din hi kawza dwar incident awtomobilistiku li gara fis-17 ta' Settembru 1999 fi Triq Marziena, Munxar, Ghawdex fid-8.45pm cirka.

Fuq il-fatti kif esposti mill-attur, u mhux kontradetti, jirrizulta li t-tort ghall-incident meritu l-kawza hi fl-intier tieghu tal-konvenuta. L-iskizz tal-incident esebit jissufraga it-tezi tal-attur li jirrizulta kien fuq in-naha tieghu tat-triq meta fegget il-konvenuta minn triq laterli.

Incident awtomobilistiku mhux haga astratta izda hu fatt li gara kif inhu fix-xorta u l-entita tieghu u l-iskizz tal-puliaija, jekk redatt diligentement, kif inhu l-iskizz in kwistjoni, li hu dettaljat sew, jikkostitwixxi prova anki determinanti ghall-akkollament tal-htija. Anki ghab-bazi ta' dan l-iskizz t-talba attrici tirrizulta li ghandha tigi akkolta fl-intier.

Ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi tilqa' it-talba tal-attur b'dan li tiddikjara l-konvenuta interament u unikament

responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwentement tikkundannha thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) bl-ispejjez u bl-imghax dekorribli mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------